

Opinjoni Konġunta 01/2025
tal-EDPB-EDPS dwar il-Proposta għal Regolament
dwar miżuri ta' simplifikazzjoni
għall-SMEs u l-SMCs, b'mod partikolari
l-obbligu taż-żamma tar-rekords
skont l-Artikolu 30(5) tal-GDPR

Adottata fit-8 ta' Lulju 2025

This language version has not yet been proofread

WERREJ

1	SFOND.....	4
2	KUMMENTI ĠENERALI	6
3	ID-DEROGA MIR-REKWIŻIT LI JINŻAMM REKORD TAL-ATTIVITAJIET TA’ PPROĊESSAR SKONT L-ARTIKOLU 30(5) TAL-GDPR (L-ARTIKOLU 1(2) TAL-PROPOSTA).....	7
3.1.	Dwar “x’aktarx jirriżulta f’riskju għoli”	7
3.2.	Dwar l-obbligu taż-żamma tar-rekords skont l-Artikolu 30 tal-GDPR	9
3.3.	Dwar il-limitu rivedut, u dwar ir-referenza għall-SMEs u l-SMCs u l-organizzazzjonijiet fit-test tal-Proposta.....	11
3.3.1.	“L-impjegar ta’ inqas minn 750 persuna”	11
3.3.2.	“Intrapriżi”	11
3.3.3.	“Organizzazzjonijiet”	12
4	L-ESTENSJONI TAL-ARTIKOLI 40(1) U 42(1) TAL-GDPR GĦALL-SMC (L-ARTIKOLU 1(3) U (4) TAL-PROPOSTA).....	13

Sommarju eżekuttiv

Fil-21 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Proposta għal Regolament li jemenda ċerti regolamenti, inkluż il-GDPR, fir-rigward tal-estensjoni ta' ċerti miżuri ta' mitigazzjoni disponibbli għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju ("SMEs") għal intrapriżi żgħira b'kapitalizzazzjoni medja ("SMCs") u aktar miżuri ta' simplifikazzjoni ("il-Proposta"). Il-Kummissjoni kkonsultat formalment lill-EDPB u lill-EDPS f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Il-Proposta timmodifika d-deroga skont l-Artikolu 30(5) tal-GDPR billi tipprevedi li l-obbligu taż-żamma tar-rekords ma japplikax għal intrapriża jew organizzazzjoni li timpjega inqas minn 750 persuna sakemm l-ipproċessar li twettaq x'aktarx li jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, skont it-tifsira tal-Artikolu 35 tal-GDPR. Barra minn hekk, il-Proposta tintroduċi definizzjoni ta' SMEs u SMCs fl-Artikolu 4 tal-GDPR u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 40(1) u 42(1) tal-GDPR għall-SMCs.

L-EDPB u l-EDPS jappoġġaw l-oġettiv ġenerali tal-Proposta li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-SMEs u l-SMCs sakemm l-insewiment ta' dan l-oġettiv ma jirriżultax fit-tnaqqis tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwi, b'mod partikolari d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu, f'dan ir-rigward, li l-modifiki proposti għall-GDPR biex jiġi ssimplifikat u ċċarat l-obbligu li jinżamm rekord tal-ipproċessar huma mmirati u limitati fin-natura tagħhom u ma jaffettwawx il-prinċipji ewlenin u obbligi oħra skont il-GDPR.

Fl-istess ħin, l-EDPB u l-EDPS ifakkru fl-importanza tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali u l-ħtieġa li jiġi żgurat li, fid-dawl tal-Artikolu 52 tal-Karta, is-simplifikazzjoni tkun proporzjonata, ibbilanċjata u bbażata fuq in-neċessità. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta ma tinkludix valutazzjoni tal-konsegwenzi fuq id-drittijiet fundamentali tal-bidliet proposti għall-GDPR, li kellhom jitwettqu.

L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-isforzi ta' kjarifika u simplifikazzjoni rigward il-kundizzjonijiet li fihom tapplika d-deroga skont l-Artikolu 30(5) tal-GDPR billi jipprevedu li din id-deroga ma tapplikax għall-ipproċessar "li x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli". Sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' ftehim, l-EDPB u l-EDPS jipproponu lill-koleġiżlaturi biex fil-premessi jiċċaraw li rekord tal-ipproċessar ikun obbligatorju biss għal dawk l-attivitajiet ta' pproċessar "li x'aktarx jirriżultaw f'riskju għoli".

L-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li l-ipproċessar ta' *data* personali kopert skont l-Artikoli 9 u 10 tal-GDPR huwa importanti biex jiġi vvalutat jekk l-ipproċessar x'aktarx li jirriżulta f'riskju għoli. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li l-koleġiżlaturi jirriformulaw mill-ġdid il-Premessa 10 meta mqabbla mal-Proposta sabiex jiġi ċċarat li l-ipproċessar għall-finijiet previsti skont l-Artikolu 9(2)(b) tal-GDPR ma jkunx jirrikjedi li jinżamm rekord tal-ipproċessar, sakemm valutazzjoni ma tindikax li l-ipproċessar x'aktarx li jirriżulta f'riskju għoli.

Fir-rigward tal-obbligu taż-żamma tar-rekords skont l-Artikolu 30 tal-GDPR, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li, minbarra li jiffaċilitaw id-dimostrazzjoni tal-konformità ex post, ir-rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar jikkostitwixxu mezz utli ħafna biex tiġi appoġġata l-konformità ma' diversi rekwiżiti tal-GDPR. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS iħeġġu lill-intrapriżi u lill-organizzazzjonijiet li jimpjegaw inqas minn 750 persuna li ma jinvolvux ruħhom fl-ipproċessar b'riskju għoli biex jagħżlu l-aktar metodi xierqa biex jappoġġaw b'mod adegwat il-konformità mal-obbligi tal-GDPR u li ma jkollhomx impatt negattiv fuq id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.

Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu aktar kjarifiki dwar għaliex il-limitu l-ġdid ta' intrapriżi jew organizzazzjonijiet li jimpjegaw inqas minn 750 persuna jkun xieraq għall-każ speċifiku tal-GDPR. Fir-rigward tar-referenzi għall-SMEs u l-SMCs u l-organizzazzjonijiet fit-test tal-Proposta, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw lill-koleġiżlaturi biex jagħmlu referenza fl-Artikolu 30(5) tal-GDPR emendat għad-definizzjonijiet li għadhom kif ġew introdotti tal-SMEs u l-SMCs. Barra minn hekk, huma jirrakkomandaw lill-koleġiżlaturi biex jiċċaraw fi premessa li t-terminu "organizzazzjoni" li jaqa' taħt id-deroga proposta skont l-Artikolu 30(5) tal-GDPR ma jinkludix awtoritajiet u korpi pubbliċi.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 42(2) tar-Regolament 2018/1725 tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

ADOTTAW L-OPINJONI KONĠUNTA LI ĠEJJA

1 SFOND

1. Fil-21 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħarġet Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/679 ("GDPR")¹, (UE) 2016/1036, (UE) 2016/1037, (UE) 2017/1129, (UE) 2023/1542 u (UE) 2024/573 fir-rigward tal-estensjoni ta' ċerti miżuri ta' mitigazzjoni disponibbli għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") għal intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja ("SMCs") u aktar miżuri ta' simplifikazzjoni ("il-Proposta"). Fl-istess *data*, il-Kummissjoni kkonsultat formalment lill-EDPB u lill-EDPS f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725² ("EUDPR")³. L-EDPB u l-EDPS jillimitaw l-Opinjoni tagħhom għall-emendi proposti għall-GDPR.
2. L-oġettiv tal-Proposta huwa li tindirizza b'mod koerenti s-sitwazzjoni fejn l-SMCs jaqbżu l-limiti tas-segment tal-SMEs u jiġu ffaċċjati b'regoli li japplikaw għall-intrapriżi l-kbar. Il-Proposta għandha l-għan li tiffaċilita n-negozju għall-SMCs u tnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom billi temenda għadd ta' atti

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, paġni 1–88.

² Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, paġni 39–98.

³ Fit-23 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni bagħtet rettifika għall-Proposta, COM(2025) 502/2.

eżistenti — inkluż il-GDPR — li jipprevedu regoli ta' mitigazzjoni speċifiċi għall-SMEs li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet u jinkludu l-SMCs⁴.

3. Għal dan l-għan, il-Proposta tintroduċi l-bidliet li ġejjin fil-GDPR:

- L-introduzzjoni ta' definizzjoni ta' SMEs u SMCs fl-Artikolu 4 tal-GDPR. Qiegħed jiġi propost li jiġi previst li SMEs tfixxer intrapriżi kif definiti fl-Artikolu 2 tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE⁵. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li dan isegwi l-approċċ tal-premessa 13 attwali tal-GDPR. Qiegħed jiġi propost ukoll li jiġi previst li l-SMCs tfixxer intrapriżi kif definiti fil-punt (2) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2025 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħira b'kapitalizzazzjoni medja — C (2025) 3500 final⁶. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tipprevedi li l-SMCs huma intrapriżi li mhumix SMEs f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, li jimpjegaw inqas minn 750 persuna, u li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-EUR 150 miljun jew total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx il-EUR 129 miljun;
- It-tweżiġ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga għall-obbligu li jinżamm rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar skont l-Artikolu 30(5) tal-GDPR biex jinkludi intrapriżi jew organizzazzjonijiet li jimpjegaw inqas minn 750 persuna. Din id-deroga bħalissa tapplika għal intrapriżi u organizzazzjonijiet b'inqas minn 250 impjegat, dment li l-ipproċessar x'aktarx ma jkunx ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*, ma jkunx okkażjonali, u ma jinvolvi kategoriji ta' *data* speċjali (l-Artikolu 9(1) tal-GDPR) jew *data* personali relatata ma' kundanni u reati kriminali (l-Artikolu 10 tal-GDPR). Skont il-Proposta, l-obbligu attwali taż-żamma tar-rekords għal tali intrapriżi u organizzazzjonijiet jibqa' obbligatorju meta l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*"⁷;
- L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 40(1) u 42(1) tal-GDPR għall-SMCs, sabiex il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom jitqiesu wkoll meta jtfasslu kodiċijiet ta' kondotta u fil-kuntest tal-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni⁸.

4. Fis-6 ta' Mejju 2025, qabel l-adozzjoni tal-Proposta, il-Kummissjoni baġtet ittra lill-EDPB u lill-EDPS fejn talbet il-feedback tagħhom dwar l-abbozz ta' proposta li jmiss tagħha dwar is-simplifikazzjoni tal-obbligi taż-żamma tar-rekords skont il-GDPR. Fit-tweġiba konġunta tagħhom datata t-8 ta' Mejju 2025⁹, l-EDPB u l-EDPS, abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien¹⁰ u sakemm issir analiżi sħiħa tal-proposta speċifika, esprimew appoġġ preliminari għal din l-inizjattiva ta' simplifikazzjoni mmirata, filwaqt li jżommu f'moħħhom li dan ma jaffettwax l-obbligu tal-kontrolluri u tal-proċessuri li jikkonformaw ma' obbligi oħra tal-GDPR. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS talbu aktar informazzjoni mingħand il-Kummissjoni biex jevalwaw aħjar l-impatt fuq l-organizzazzjonijiet soġġetti għal din il-

⁴ Il-Premessa 5 tal-Proposta.

⁵ L-Artikolu 1(1) tal-Proposta.

⁶ L-Artikolu 1(1) tal-Proposta.

⁷ L-Artikolu 1(2) tal-Proposta.

⁸ L-Artikolu 1(3) u (4) tal-Proposta.

⁹ Ittra tal-EDPB-EDPS dwar l-abbozz ta' proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-simplifikazzjoni taż-żamma tar-rekords skont il-GDPR, 8 ta' Mejju 2025.

¹⁰ B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li, filwaqt li fl-ittra tagħha l-Kummissjoni ddikjarat li l-limitu għad-daqs tal-organizzazzjonijiet eliġibbli għad-deroga l-għdida għaż-żamma tar-rekords ikun ta' 500 impjegat, din iċ-ċifra żdiedet fil-Proposta biex jiġu inklużi intrapriżi u organizzazzjonijiet b'inqas minn 750 impjegat.

bidla, biex jivvalutaw jekk il-proposta tiżgurax bilanċ proporzjonat u ġust bejn il-protezzjoni tad-*data* personali u l-interessi tal-SMCs.

2 KUMMENTI ĠENERALI

5. L-EDPB u l-EDPS jappoġġaw l-oġġettiv ġenerali tal-Proposta li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-SMEs u l-SMCs sakemm l-insewiment ta' dan l-oġġettiv ma jirriżultax fit-tnaqqis tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwi, b'mod partikolari d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali¹¹. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu, f'dan ir-rigward, li l-modifiki proposti għall-GDPR biex jiġi ssimplifikat u ċċarat l-obbligu li jinżamm rekord tal-ipproċessar huma mmirati u limitati fin-natura tagħhom u ma jaffettwawx il-prinċipji ewlenin u obbligi oħra skont il-GDPR.
6. L-EDPB u l-EDPS ifakkru fl-importanza tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali u l-ħtieġa li jiġi żgurat li, fid-dawl tal-Artikolu 52 tal-Karta, is-simplifikazzjoni tkun proporzjonata, ibbilanċjata u bbażata fuq in-neċessità.
7. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Proposta ma tinkludix valutazzjoni tal-konsegwenzi fuq id-drittijiet fundamentali tat-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga għall-obbligu li jinżamm rekord tal-ipproċessar, u b'mod partikolari dwar id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali tal-individwu. Anke jekk tali valutazzjoni tista' ma tkunx rilevanti għal ċerti biċċiet ta' leġislazzjoni soġġetti għall-Proposta Omnibus, u minkejja l-valutazzjoni tal-EDPB u tal-EDPS stess li l-prinċipji ewlenin u obbligi oħra skont il-GDPR jibqgħu mhux affettwati, tali valutazzjoni xorta kellha titwettaq fir-rigward tal-modifiki proposti għall-GDPR¹². Dan huwa partikolarment importanti meta jitqies li l-GDPR jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-*data* personali¹³.
8. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li, f'konformità mal-Istrateġija 2024–2027 tal-EDPB¹⁴, l-EDPB qed jaħdem fuq miżuri biex jiffaċilita l-konformità għall-SMEs u li diġà ġew rilaxxati diversi riżorsi prattiċi ddedikati taħt din l-inizjattiva¹⁵. Ġew żviluppati wkoll diversi inizjattivi mill-awtoritajiet superviżorji ("SAs") biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-SMEs mal-Artikolu 30 tal-GDPR, pereżempju permezz tal-forniment ta' mudelli għal rekords (simplifikati) għal attivitajiet ta' pproċessar biex jassistu lill-SMEs fid-dokumentazzjoni tal-attivitajiet ta' pproċessar tagħhom¹⁶. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu l-importanza

¹¹ L-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") u l-Artikolu 16(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

¹² Pereżempju, tali valutazzjoni kienet tkun importanti fir-rigward tat-tneħħija tal-kundizzjoni relatata mal-ipproċessar ta' *data* personali koperta mill-Artikolu 9 jew mill-Artikolu 10 tal-GDPR, li skont it-test attwali tal-Artikolu 30(5) tal-GDPR tiskatta d-dmir li jinżammu rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar għall-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet li jaqgħu taħt il-limitu ta' 250 impjegat.

¹³ Ara l-Artikolu 1(2) tal-GDPR.

¹⁴ L-Istrateġija tal-EDPB 2024–2027, il-Pilastru 1, l-Azzjoni Ewlenija 3.

¹⁵ Il-Gwida tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-EDPB għan-negozji ż-żgħir, Riżorsi prattiċi għall-SMEs, Disponibbli fuq: https://www.edpb.europa.eu/sme-data-protection-guide/practical-resources-for-smes_en. L-EDPB jiżviluppa wkoll sommarju tal-linji gwida tiegħu.

¹⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Protezzjoni tad-*Data* bħala pilastru tal-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u l-approċċ tal-UE għat-tranżizzjoni diġitali — sentejn ta' applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, COM(2020) 264 final, 24.6.2020, Taqsima 2, paġna 9; It-Tieni Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, COM(2024) 357 final, 25.7.2024, Taqsima 5.2.

tal-ħidma kontinwa tal-EDPB u tal-SAs f'dan ir-rigward u tar-rwoli tagħhom biex ikompli jgħidaw kontrolluri u proċessuri iżgħar.

3 ID-DEROGA MIR-REKWIŻIT LI JINŻAMM REKORD TAL-ATTIVITAJIET TA' PPROĊESSAR SKONT L-ARTIKOLU 30(5) TAL-GDPR (L-ARTIKOLU 1(2) TAL-PROPOSTA)

3.1. Dwar “x’aktarx jirriżulta f’riskju għoli”

9. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-isforzi ta’ kjarifika u simplifikazzjoni rigward il-kundizzjonijiet li fihom tapplika d-deroga skont l-Artikolu 30(5) tal-GDPR. L-EDPB u l-EDPS huma konxji li l-Artikolu 30(5) tal-GDPR, fil-forma attwali tiegħu, mhux dejjem seta’ laħaq l-oġettiv tiegħu, pereżempju minħabba li l-eċċezzjoni tipikament ma tkunx applikabbli għal intrapriżi żgħira ħafna jew għal organizzazzjonijiet b’impjegat wieħed jew bi ftit impjegati biss hekk kif l-ipproċessar ma jkunx ta’ natura okkażjonali.
10. Fl-istess ħin, kif enfasizzat fit-tweġiba konġunta tal-EDPB-EDPS tat-8 ta’ Mejju 2025, il-Proposta żżomm l-obbligu li jinżamm rekord tal-ipproċessar meta l-ipproċessar x’aktarx jirriżulta f’riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Dan huwa konformi mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju sottostanti għall-GDPR, peress li anke kumpaniji żgħira ħafna jistgħu jwettqu pproċessar li x’aktarx jirriżulta f’riskju għoli¹⁷.
11. L-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li, sabiex jiġi ddeterminat jekk ipproċessar “x’aktarx jirriżulta f’riskju għoli”, li jħalli impatt fuq jekk jistgħux jibbenefikaw mid-deroga, il-kontrolluri xorta se jkollhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju ppreżentat mill-ipproċessar tagħhom¹⁸.
12. L-EDPB u l-EDPS jipproponu lill-koleġiżlaturi biex fil-premessi jiċċaraw li rekord tal-ipproċessar ikun obligatorju biss għal dawk l-attivitajiet ta’ pproċessar “li x’aktarx jirriżultaw f’riskju għoli”. Dan jevita li t-test jinftiehem ħażin li jfisser li rekord tal-attivitajiet kollha ta’ pproċessar huwa obligatorju mill-mument li mill-inqas waħda minn dawn l-attivitajiet ta’ pproċessar x’aktarx tirriżulta f’riskju għoli¹⁹.
13. Il-kundizzjoni “li x’aktarx tirriżulta f’riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*” skont l-emenda proposta għall-Artikolu 30(5) tal-GDPR hija l-istess kundizzjoni għat-tweġiq ta’ valutazzjoni tal-impatt skont l-Artikolu 35 tal-GDPR. Fil-prattika, iż-żewġ dispożizzjonijiet moqrija

¹⁷ Ittra tal-EDPB-EDPS dwar l-abbozz ta’ proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-simplifikazzjoni taż-żamma tar-rekords skont il-GDPR, 8 ta’ Mejju 2025, paġna 2.

¹⁸ Il-Linji Gwida tal-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* (DPIA) u d-determinazzjoni ta’ jekk l-ipproċessar “x’aktarx jirriżulta f’riskju għoli” għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, (wp248, rev.01), approvati mill-EDPB fil-25 ta’ Mejju 2018 (minn hawn ‘il quddiem “il-Linji Gwida tad-DPIA”), paġna 12.

¹⁹ Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29, Dokument ta’ Pożizzjoni dwar id-derogi mill-obbligu li jinżammu rekords tal-attivitajiet ta’ pproċessar skont l-Artikolu 30(5) tal-GDPR, approvat mill-EDPB fil-25 ta’ Mejju 2018 (minn hawn ‘il quddiem, “Dokument ta’ Pożizzjoni tad-WP29 dwar l-Artikolu 30(5) tal-GDPR”), p. 2 (“tali organizzazzjonijiet jeħtieġ li jżommu biss rekords tal-attivitajiet ta’ pproċessar għat-tipi ta’ pproċessar imsemmija mill-Artikolu 30(5)”).

flimkien ikunu jfissru li meta l-ipproċessar x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli, għandha titwettaq valutazzjoni tal-impatt, u għandu jinżamm rekord tal-ipproċessar.

14. Kif diġà ġie nnotat fl-ittra konġunta tal-EDPB-EDPS tat-8 ta' Mejju 2025, l-EDPB ipprova gwida dwar il-kunċett ta' "ipproċessar li x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli"²⁰. Barra minn hekk, jistgħu jinstabu eżempji fil-listi nazzjonali ta' tipi ta' pproċessar li huma soġġetti, jew mhumiex soġġetti, għar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*²¹. L-EDPB huwa lest li jappoġġa lill-SAs biex jiżguraw applikazzjoni konsistenti tal-kunċett ta' "operazzjonijiet ta' pproċessar li x'aktarx jirriżultaw (jew le) f'riskju għoli" fejn meħtieġ.
15. Skont il-verżjoni attwali tal-Artikolu 30(5) tal-GDPR, l-ipproċessar ta' *data* personali kopert mill-Artikolu 9 jew 10 tal-GDPR huwa biżżejjed biex jiskatta d-dmir li jinżammu rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar għall-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet b'inqas minn 250 impjegat. Skont il-Proposta, din il-kundizzjoni titħassar mit-test tal-Artikolu 30(5) tal-GDPR. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw is-sinifikat ta' din is-simplifikazzjoni minħabba l-protezzjoni speċjali mogħtija mill-GDPR lil dawn il-kategoriji ta' *data*. It-tneħħija tal-kundizzjonijiet relatati mal-ipproċessar li ma jkunx okkażjonali u l-ipproċessar ta' *data* personali rregolati mill-Artikoli 9(1) jew 10 tal-GDPR tista', fil-prattika, ikollha impatt saħansitra akbar miż-żieda tal-limitu relatat man-numru ta' impjegati. L-użu ta' *data* personali koperta mill-Artikolu 9(1) jew 10 tal-GDPR jeħtieġ li jiġi kkunsidrat meta jiġi vvalutat ir-riskju maħluq minn attività ta' pproċessar²². L-EDPB u l-EDPS ifakkru li l-ipproċessar ta' tali *data* personali huwa wieħed mill-fatturi li jistgħu jwasslu għall-probabbiltà ta' riskju għoli²³.
16. F'dan ir-rigward, il-Premessa 10 tal-Proposta tipprevedi li "l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali skont l-Artikolu 9(2)(b) tal-GDPR għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi u l-eżerċitar ta' drittijiet speċifiċi tal-kontrollur jew tas-suġġett tad-*data* fil-qasam tal-liġi dwar l-impjiegi u s-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali ma għandux bħala tali jirrikjedi li jinżammu rekords tal-ipproċessar". L-EDPB u l-EDPS jaqblu li xi attivitajiet ta' pproċessar previsti skont l-Artikolu 9(2)(b) tal-GDPR, rregolati mil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru li pprevediet salvagwardji effettivi, x'aktarx li ma jirriżultawx f'riskju għoli. Fl-istess ħin, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li xi pproċessar ieħor previst mill-Artikolu 9(2)(b) tal-GDPR xorta jista' jirriżulta f'riskju għoli, eż. monitoraġġ sistematiku tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol li jinvolvi l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*²⁴.
17. Il-premessa proposta ma tistax tidderoga mir-rekwiżiti li jirriżultaw mit-termini ta' promulgazzjoni tal-Proposta, li skonthom ikun meħtieġ rekord tal-ipproċessar meta l-ipproċessar x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li l-koleġiżlaturi jiċċaraw b'mod espliċitu fil-premessa li l-ipproċessar għall-finijiet previsti mill-Artikolu 9(2)(b) tal-GDPR fil-prinċipju x'aktarx ma jirriżultax f'riskju għoli għas-suġġetti tad-*data* — u għalhekk ma jeħtieġx li jinżamm rekord tal-ipproċessar — sakemm valutazzjoni ma tindikax li l-ipproċessar x'aktarx li jirriżulta f'riskju għoli. Dan jiżgura li, għall-

²⁰ Ara, f'dan ir-rigward, il-Linji Gwida dwar id-DPIA, paġni 8-13.

²¹ Adottati skont l-Artikolu 35(4) tal-GDPR u l-Artikolu 35(5) tal-GDPR. Disponibbli fuq is-sit web tal-EDPB, fir-Reġistru tad-deċiżjonijiet meħuda mill-SAs dwar kwistjonijiet ittrattati fil-mekkaniżmu ta' konsistenza.

²² Ara l-Artikolu 35(3)(b) tal-GDPR.

²³ L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-premessa 9 tal-Proposta tirreferi għall-Artikolu 35(3) tal-GDPR, li jipprevedi li DPIA għandha tkun meħtieġa b'mod partikolari f'każ ta' pproċessar fuq skala kbira ta' kategoriji speċjali ta' *data* msemija fl-Artikolu 9(1), jew ta' *data* personali relatata ma' kundanni kriminali u reati msemija fl-Artikolu 10. F'każ bħal dan, l-ipproċessar x'aktarx li jirriżulta f'riskju għoli. Ara wkoll il-Linji Gwida dwar id-DPIA, paġna 11.

²⁴ Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li tipprojbixxi tali pproċessar. Ara wkoll, il-Linji Gwida dwar id-DPIA, paġna 11.

applikazzjoni tad-deroga skont l-Artikolu 30(5) tal-GDPR, l-istess kundizzjoni tiġi applikata għall-ipproċessar kollu, u li tkun konsistenti ma' dik applikabbli skont l-Artikolu 35 tal-GDPR.

3.2. Dwar l-obbligu taż-żamma tar-rekords skont l-Artikolu 30 tal-GDPR

18. L-EDPB u l-EDPS ifakkru li, bis-sostituzzjoni tar-reġim ta' notifika minn qabel applikabbli preċedentement skont id-Direttiva 95/46/KE²⁵ bi strument bħar-rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar, il-GDPR poġġa r-responsabbiltà fuq il-kontrolluri²⁶ u l-proċessuri²⁷ biex jiddokumentaw l-informazzjoni rilevanti dwar l-attivitajiet ta' pproċessar f'post wieħed u biex jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba²⁸. F'dan il-kuntest, ir-rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar iservi bħala mezz għall-kontrolluri u għall-proċessuri biex juru l-konformità, f'konformità mal-prinċipju tar-responsabbiltà²⁹ u biex l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw l-ipproċessar³⁰. Madankollu, kif indika l-EDPB f'diversi okkażjonijiet, minbarra li jiffaċilitaw id-dimostrazzjoni tal-konformità ex post, ir-rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar jikkostitwixxu mezz utli ħafna biex tiġi appoġġata analiżi tal-implikazzjonijiet ta' kwalunkwe pproċessar kemm jekk eżistenti kif ukoll jekk ippjanat³¹.
19. F'termini prattiċi, l-utilità ta' din l-għodda hija ċara f'diversi kuntesti, bħal fost l-oħrajn:
- Ir-rekords jgħinu lill-kontrolluri jkollhom ħarsa ġenerali komprensiva tal-attivitajiet kollha tal-ipproċessar, u b'hekk jgħinu lill-kontrolluri fost l-oħrajn jikkonformaw mal-prinċipji elenkati mill-Artikolu 5 tal-GDPR u jidentifikaw bażi legali skont l-Artikolu 6 tal-GDPR;
 - Ir-rekords jgħinu lill-kontrolluri jagħtu effett lid-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, bħal pereżempju għall-iżvilupp ta' politiki ta' privatezza jew fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess għad-*data* personali skont l-Artikolu 15 tal-GDPR³². Huma "[jiffaċilitaw] ukoll il-valutazzjoni fattwali tar-riskju tal-attivitajiet ta' pproċessar imwettqa minn kontrollur jew proċessur tad-drittijiet tal-individwi"³³;
 - Ir-rekords huma sors importanti ta' informazzjoni għall-kontrolluri fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riskji, u tad-deċiżjoni dwar jekk għandhiex titwettaq DPIA jew le skont l-Artikolu 35 tal-GDPR³⁴;
 - Ir-rekords huma fost l-għodod li jippermettu lid-DPOs iwettqu l-kompiti tagħhom, inklużi l-monitoraġġ tal-konformità, l-għoti ta' informazzjoni u l-għoti ta' pariri lill-kontrollur jew lill-proċessur³⁵;

²⁵ L-Artikolu 18 tad-Direttiva 95/46/KE.

²⁶ L-Artikolu 30(1) tal-GDPR.

²⁷ L-Artikolu 30(2) tal-GDPR.

²⁸ L-Artikolu 30(4) tal-GDPR.

²⁹ Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 5(2) u 24 tal-GDPR għall-kontrolluri u l-Artikolu 28 tal-GDPR għall-proċessuri. Dwar il-kunċett ta' responsabbiltà. Ara wkoll il-Linji Gwida tal-EDPB 7/2020 dwar il-kunċett ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR, adottati fis-7 ta' Lulju 2021, il-paragrafi 6-10.

³⁰ Dan l-oġġettiv huwa appoġġat mill-Premessa 82 tal-GDPR, li skontha: "Sabiex tintwera l-konformità ma' dan ir-Regolament, il-kontrollur jew il-proċessur għandu jżomm rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Kull kontrollur u proċessur għandu jkun obligat jikkoopera mal-awtorità ta' superviżjoni u jagħmel dawk ir-rekords, fuq talba, disponibbli għaliha, sabiex ikunu jistgħu jservu għall-monitoraġġ ta' dawk l-operazzjonijiet ta' pproċessar".

³¹ Dokument ta' Pożizzjoni tad-WP29 dwar l-Artikolu 30(5) tal-GDPR, paġna 2.

³² Il-Linji Gwida tal-EDPB 01/2022 dwar id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* — Id-dritt ta' aċċess, il-verżjoni 2.1., adottati fit-28 ta' Marzu 2023, il-paragrafi 20 u 112.

³³ Dokument ta' Pożizzjoni tad-WP29 dwar l-Artikolu 30(5) tal-GDPR, paġna 2.

³⁴ Il-Linji Gwida dwar id-DPIA, paġna 12.

³⁵ Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, Linji Gwida dwar l-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-*Data* ("DPOs"), approvati mill-EDPB fil-25 ta' Mejju 2018 (minn hawn 'il quddiem "Linji Gwida tal-UPD"), Taqsima 4.5.

- Ir-rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar ikunu ta' għajnuna biex jiġi ddeterminat l-istabbiliment ewlieni ta' kontrollur³⁶, b'hekk l-SA ewlenija kompetenti għal attivitajiet speċifiċi ta' pproċessar transfruntier³⁷;
 - Fil-kuntest tat-trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi, ir-rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar jistgħu jgħinu lill-kontrolluri u lill-proċessuri fl-evalwazzjoni ta' jekk il-miżuri li jissupplimentaw l-għodod ta' trasferiment ikunux xierqa³⁸;
 - Ir-rekords jgħinu lill-kontrolluri u lill-proċessuri jimmappjaw u jifhmu l-attivitajiet tal-ipproċessar tagħhom meta jużaw teknoloġiji ġodda bħall-IA, u jgħinuhom jużaw attivitajiet ta' pproċessar innovattivi u ġodda filwaqt li jirrispettaw id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali³⁹.
 - Il-proċessuri jistgħu jintalbu mill-kontrolluri biex jaqsmu partijiet mir-rekords tagħhom tal-attivitajiet ta' pproċessar sabiex il-kontrollur ikun infurmat bis-sħiħ dwar id-dettalji tal-ipproċessar li huma rilevanti biex tintwera konformità mal-Artikolu 28 tal-GDPR⁴⁰ u jkunu jistgħu jivverifikaw il-garanziji pprovduti mill-proċessuri⁴¹;
 - Ir-rekords jiffaċilitaw "l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà xierqa għas-salvagwardja tad-*data* personali"⁴²;
 - Il-kontrollur jista' jagħżel ukoll li jiddokumenta ksur skont l-Artikolu 33(5) tal-GDPR bħala parti mir-rekord tiegħu tal-attivitajiet ta' pproċessar li jinżamm skont l-Artikolu 30 tal-GDPR⁴³.
20. Il-bidla proposta ma tibqax tippreskrivi rekord tal-ipproċessar f'konformità mal-Artikolu 30 tal-GDPR għall-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet li jimpjegaw inqas minn 750 persuna, u li ma jinvolvox ruħhom fl-ipproċessar li x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli.
21. F'dawn il-każijiet li jaqgħu taħt id-deroga, l-Artikolu 30(1) u (2) tal-GDPR ma japplikax, li jfisser li ma jistax ikun hemm ksur ta' din id-dispożizzjoni u dan ma setax iwassal għal sanzjoni. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS jenfasizzaw li l-kontrolluri u l-proċessuri li jaqgħu taħt id-deroga xorta jkunu soġġetti għar-rekwiżiti l-oħrajn kollha skont il-GDPR, li għalihom, kif spjegat hawn fuq, iż-żamma tar-rekords tista' tgħin biex tinkiseb il-konformità.
22. Dawn il-kontrolluri u l-proċessuri jistgħu mbagħad jagħżlu l-aktar metodi xierqa biex jiżguraw u juru l-konformità, f'konformità mal-prinċipju tar-responsabbiltà, filwaqt li jibbenefikaw minn flessibbiltà akbar fil-mod kif jorganizzaw lilhom infushom. L-EDPB u l-EDPS jixtiequ jenfasizzaw li l-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet jeħtieġ li jiżguraw li tali metodu jappoġġa b'mod adegwat il-konformità mal-GDPR u ma jkollux impatt negattiv fuq id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.

³⁶ L-Opinjoni 04/2024 tal-EDPB dwar il-kunċett tal-istabbiliment ewlieni ta' kontrollur fl-Unjoni skont l-Artikolu 4(16)(a) tal-GDPR, adottata fit-13 ta' Frar 2024, il-paragrafu 32.

³⁷ Dan jippermetti wkoll lill-Kontrollur juri l-pretensjoni tiegħu. Il-Linji Gwida tal-EDPB 8/2022 dwar l-identifikazzjoni ta' awtorità superviżorja ewlenija ta' kontrollur jew proċessur, il-verżjoni 2.1, adottati fit-28 ta' Marzu 2023, il-paragrafu 37.

³⁸ Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 01/2020 dwar miżuri li jissupplimentaw l-għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell tal-UE ta' protezzjoni tad-*data* personali, verżjoni 2.0, adottati fit-18 ta' Ġunju 2021, paragrafu 9.

³⁹ Ara, pereżempju, il-fatt li r-rekords tal-attivitajiet tal-ipproċessar jistgħu jgħinu lill-kontrolluri jimplimentaw id-diversi salvagwardji diskussi fl-Opinjoni 28/2024 dwar ċerti aspetti tal-protezzjoni tad-*data* relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali fil-kuntest tal-mudelli tal-IA.

⁴⁰ Il-Linji Gwida 07/2020 tal-EDPB dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR, il-verżjoni 2.1, adottati fis-7 ta' Lulju 2021, il-paragrafi 93 u 143.

⁴¹ L-Opinjoni 22/2024 tal-EDPB dwar ċerti obbligi li jirriżultaw mid-dipendenza fuq il-proċessur(i) u s-sottoproċessur(i), adottata fis-7 ta' Ottubru 2024, il-paragrafu 41 u n-nota 38 f'qiegħ il-paġna.

⁴² Dokument ta' Pożizzjoni tad-WP29 dwar l-Artikolu 30(5) tal-GDPR, paġna 2.

⁴³ Il-Linji Gwida 9/2022 tal-EDPB dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali skont il-GDPR, il-verżjoni 2.0, adottati fit-28 ta' Marzu 2023, in-nota 47 f'qiegħ il-paġna.

3.3. Dwar il-limitu rivedut, u dwar ir-referenza għall-SMEs u l-SMCs u l-organizzazzjonijiet fit-test tal-Proposta

3.3.1. “L-impjegar ta’ inqas minn 750 persuna”

23. L-EDPB u l-EDPS jifhmu li l-iskop ta’ definizzjoni ġenerali tal-SMCs, li tikkorrispondi għal tliet darbiet id-daqs tal-SMEs, huwa li tipprovdi appoġġ għal dawn il-kumpaniji li qed jitrattaw sfidi simili għal dawk tal-SMEs⁴⁴. F’dan il-kuntest, il-Proposta tintroduċi l-kunċett ta’ SMCs f’għadd ta’ atti legali - inkluż il-GDPR - fejn il-miżuri ta’ mitigazzjoni jew ta’ appoġġ kienu diġà disponibbli għall-SMEs.
24. L-EDPS u l-EDPB jilqgħu l-valutazzjoni pprovduta mid-dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva li takkumpanja l-Proposta, diġà mitluba fit-tweġiba konġunta tagħhom. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-limitu l-ġdid ta’ 750 impjegat se jippermetti li 38,000 SMC — minbarra s-26 miljun SME⁴⁵ — potenzjalment jidħlu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-deroga l-ġdida skont l-Artikolu 1(2) tal-Proposta⁴⁶. Dan il-limitu rivedut jista’ jinvolvi li, f’xi Stati Membri, ftit li xejn kontrolluri u proċessuri jilhqqu dan il-limitu. Għalhekk, għadd żgħir ta’ kontrolluri u proċessuri jibqgħu soġġetti għall-obbligu taż-żamma tar-rekords abbażi biss tad-daqs tagħhom.
25. F’dan l-isfond, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu aktar kjarifiki dwar għaliex il-limitu l-ġdid ta’ intrapriżi jew organizzazzjonijiet li jimpjegaw inqas minn 750 persuna jkun xieraq għall-każ speċifiku tal-GDPR⁴⁷, u b’mod partikolari għaliex il-limitu ta’ 500 impjegat inizjalment ikkunsidrat mill-Kummissjoni meta tikkonsulta informalment mal-EDPB u mal-EDPS kien stmat li huwa baxx wisq.

3.3.2. “Intrapriżi”

26. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-emenda proposta għall-Artikolu 30(5) tal-GDPR ma tirreferix għall-kunċetti ta’ SMEs u SMCs, iżda pjuttost għal “intrapriża [...] li timpjega inqas minn 750 persuna”⁴⁸. B’riżultat ta’ dan, fil-prattika, l-emenda għall-Artikolu 30(5) tal-GDPR tapplika wkoll għall-intrapriżi li jimpjegaw inqas minn 750 impjegat, iżda li ma jikkwalifikawx bħala SMEs jew SMCs minħabba l-fatturat annwali oġġla jew it-total tal-karta tal-bilanċ tagħhom. Dan jidher li huwa f’kontradizzjoni mal-Premessa 9 tal-Proposta, li tirreferi għall-emenda bħala “l-estensjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tad-deroga mill-obbligu taż-żamma tar-rekords għall-SMCs u għall-organizzazzjonijiet b’inqas minn 750 impjegat”.
27. Il-kunċetti tal-SMEs u l-SMCs huma msemija fl-emendi proposti għall-Artikolu 40 u l-Artikolu 42 tal-GDPR rigward il-kodiċijiet ta’ kondotta u ċertifikazzjoni.

⁴⁴ Memorandum ta’ spjegazzjoni tal-Proposta, paġna 3.

⁴⁵ Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Proposta, paġna 8.

⁴⁶ Dikjarazzjoni leġiżlattiva finanzjarja u diġitali li takkumpanja l-Proposta, paġna 4: “Il-proposta/l-inizjattiva hija mmirata lejn madwar 38,000 kumpanija żgħira b’kapitalizzazzjoni medja fl-UE, li huma definiti bħala intrapriżi b’bejn 250 u 749 membru tal-persunal (għall-istima hawnhekk: abbażi tal-għadd ta’ impjegati biss)”. Ara wkoll id-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Proposta, paġna 8.

⁴⁷ Meta jitqies li l-istess livell limitu huwa propost għal biċċiet oħra ta’ leġiżlazzjoni kif ukoll għal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping jew issussidjati, l-istrumenti finanzjarji, jew il-gassijiet serra.

⁴⁸ Filwaqt li l-Memorandum ta’ Spjegazzjoni jiddikjara “*Fl-istess ħin, il-kamp ta’ applikazzjoni tad-deroga għandu jitwessa’ biex jinkludi l-SMCs u l-organizzazzjonijiet b’inqas minn 750 impjegat*” (paġni 4 u 8).

28. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw lill-koleġiżlaturi — f'każ li jqisu li jkun xieraq li jużaw il-limitu ta' 750 impjegat (kif diskuss fit-Taqsima 3.3.1) — li jirreferu għall-Artikolu 30(5) tal-GDPR emendat għad-definizzjonijiet li għadhom kif ġew introdotti ta' SME u SMC biex jissostitwixxu l-kunċett ta' "intrapriża". Dan isegwi aħjar l-oġettivi tal-Proposta u jiżgura l-konsistenza mar-referenza għal dawn id-definizzjonijiet fl-Artikoli 40 u 42 rigward il-kodiċijiet ta' kondotta u ċ-ċertifikazzjoni.

3.3.3. "Organizzazzjonijiet"

29. F'konformità mal-Artikolu 30(5) attwali tal-GDPR, l-EDPB u l-EDPS jifhmu li l-eċċezzjoni għaż-żamma ta' rekord tal-ipproċessar f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-dispożizzjoni tapplika mhux biss għall-intrapriżi, iżda wkoll għal "organizzazzjonijiet" oħra (eż. organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u karità).
30. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Memorandum ta' Spjegazzjoni jiddikjara li "Il-proposta attwali għandha l-għan li tirrifletti s-sitwazzjoni tal-SMCs ma' dik tal-SMEs f'għadd ta' atti legali, li jkopru oqsma ta' politika differenti. Hija għandha l-għan li tagħmel l-ilħuq tal-oġettivi ta' dawk il-leġislazzjonijiet aktar effiċjenti u inqas ta' piż *għall-intrapriżi, l-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi* [enfasi miżjuda]"⁴⁹.
31. L-EDPB u l-EDPS jinnotaw li l-Artikolu 30(5) tal-GDPR jirreferi kemm għall-intrapriżi kif ukoll għall-organizzazzjonijiet u ma jirreferix għal "awtoritajiet u korpi pubbliċi"⁵⁰.
32. Peress li l-Proposta mhux biss timmira li tikseb is-simplifikazzjoni u l-kjarifika iżda wkoll il-kompetittività u l-produttività, deroga għall-awtoritajiet u l-korpi pubbliċi ma tkunx meħtieġa għal, u għaldaqstant ma tissodisfax, l-oġettivi tal-Proposta. Barra minn hekk, l-eżenzjoni tal-awtoritajiet u l-korpi pubbliċi mill-obbligu li jżommu rekord tal-ipproċessar x'aktarx tirriżulta f'għadd kbir ta' awtoritajiet u korpi pubbliċi li mhumex soġġetti għal dan l-obbligu. Dan jidher inkonsistenti mar-rwol speċjali li l-GDPR jagħti lir-responsabbiltà tal-awtoritajiet u l-korpi pubbliċi, kif enfasizzat mill-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 37 tal-GDPR li jaħtru uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* fi kwalunkwe każ⁵¹.
33. Għalhekk, biex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni possibbli dwar jekk l-awtoritajiet u l-korpi pubbliċi jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-koleġiżlaturi jiċċaraw fi premessa li t-terminu "organizzazzjoni" ma jinkludix awtoritajiet u korpi pubbliċi.

⁴⁹ Memorandum ta' spjegazzjoni tal-Proposta, paġna 6.

⁵⁰ Il-GDPR jirreferi, pereżempju, għal "awtoritajiet jew korpi pubbliċi" fl-Artikolu 37(1)(a) tal-GDPR.

⁵¹ Ara l-Artikolu 37(1)(a) tal-GDPR u l-Linji Gwida dwar l-UPD, paġna 4.

4 L-ESTENSJONI TAL-ARTIKOLI 40(1) U 42(1) TAL-GDPR GĦALL-SMC (L-ARTIKOLU 1(3) U (4) TAL-PROPOSTA).

34. L-Artikolu 1(3) u (4) tal-Proposta jemenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 40(1) u 42(1) tal-GDPR biex jinkludi l-SMCs. Il-Premessa 11 tal-Proposta tispjega li din iż-żieda għandha l-għan li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMCs meta jitfasslu l-kodiċijiet ta' kondotta u fil-kuntest tal-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu din iż-żieda, li huma jinnotaw li diġà hija konformi mal-Istrateġija tal-EDPB għall-2024–2027 biex ikomplu jappoġġaw miżuri ta' konformità bħaċ-ċertifikazzjoni u l-kodiċijiet ta' kondotta, inkluż permezz ta' involviment ma' gruppi ta' partijiet ikkonċernati ewlenin⁵².

Għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-
Data

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-
Data

Il-President

(Wojciech Wiewiorowski)

(Anu Talus)

⁵² L-Istrateġija tal-EDPB 2024–2027, it-18 ta' April 2024, il-Pilastru 1, disponibbli fuq: https://www.edpb.europa.eu/system/files/2024-04/edpb_strategy_2024-2027_en.pdf.